MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 640/2012

**Louis Mamo**

**vs.**

**Maria Margaret Schembri u**
**Kyle Schembri**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2700), rappreżentanti l-prezz ta' vettura Escort Numru XZS259 lilhom mibjugħa u konsenjata u kif ukoll spejjeż ta' manutenzjoni li saru fuq inkarigu tagħhom fuq l-imsemmija vettura;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti *in solidum* jħallsu lill-attur is-somma ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2700), bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Settembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------